**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 419/2013**

**Illum: 30 ta' Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Malcolm Said**
**(ID 297679(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Malcolm Said ta' 33 sena, bin Emanuel u Gina nee` Briffa, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' Gunju 1979 u residenti 18, Dwejra, Triq Guzeppi Ellul Street, Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 297679(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Awwissu 2008 u anke fix-xhur ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputat wiegeb li mhuwiex hati tal-imputazzjonij migjuba kontra tieghu;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u rat illi ghalkemm id-difiza talbet zmien u effettivament giet koncessa xahrejn zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, din baqghet ma gietx ipprezentata.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi nhar il-25 ta' Lulju 2008, wara li l-Pulizija Ezekuttiva rceviet informazzjoni dwar certu Andre Francois Buhagiar u dan fis-sens illi allegatament tali persuna kien qieghed jittraffika d-droga, saret tfittxija li fiha nstab ammont ta' droga u gew elevati xi oggetti, fosthom *notebook* b'diversi ismijiet ta' persuni u numri jew cifri maqtughin jew mizjudin. Fuq l-istess *notebook*, kien hemm indikat il-laqam *Smiley* u waqt l-investigazzjonijiet taghha, il-pulizija waslet ghall-imputat odjern. Huwa rrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-3 ta' Awwissu 2008 u xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke fit-2 ta' Settembru 2008.

Qabel xejn, il-Qorti tirrileva illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi ghax-xahar ta' Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel. Jirrizulta mill-atti illi c-*charge sheet* odjerna giet esebita fir-Registru ta' din il-Qorti fil-27 ta' Lulju 2013. Il-kawza giet

appuntata ghas-smiegh ghas-16 ta' Settembru 2013, f'liema seduta madankollu ma deher hadd. Is-seduta sussegwenti tal-5 ta' Novembru 2013 giet differita stante illi l-Qorti kienet indisposta u l-imputat deher ghall-ewwel darba fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2014, meta bdiet tinstema' l-kawza. Il-Prosekuzzjoni, fl-ebda stadju ma esebiet l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fejn f'dak il-kaz, l-appellant kien eccepixxa b'success il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setghu jindikaw id-data meta l-imputat gie notifikat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dak il-kaz. Fir-rigward tal-ewwel dehra tieghu, il-Qorti qieset illi "*quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza.*"

F'dan il-kaz, bhal kaz citat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta kien gie notifikat ghall-ewwel darba l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot maghha, ghal fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-imputat odjern, ossia dik tal-24 ta' Jannar 2014, fejn allura bhal fil-kaz citat, l-imputat kien qieghed jikkonferma n-notifika tieghu u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. L-imputazzjoni odjerna hija preskrivibbli b'terminu ta' hames snin skont l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk la darba din tirreferi ghal Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data, fl-24 ta' Jannar 2014, l-azzjoni kienet preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara l-azzjoni bhala preskritta u tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migubja kontra tieghu.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat